**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

### Laqgħa Nru. *56/2016*

Data: Il-Ħamis, 14 ta' Lulju, 2016

Ħin: 6.30pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

---

Preżenti:
Alison Zerafa Civelli – *Sindku*
Ivan Agius – *Viċi Sindku*
Noyah Spiteri – *Kunsilliera*
James Cauchi – *Kunsillier*
Alfred Attard - *Kunsillier*

Joseph Caruana – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużat:
Pablo Cachia Belli – *Kunsillier*
Roderick Mamo – *Kunsillier*

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Pagamenti – Ġunju 2016
3. Mozzjonijiet
4. Korrispondenza
5. Aġġornament

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

# Minuti – *56/2016*

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

*Qari u approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-minuti tal-laqgħa nru 55 ġew meħuda bħala moqrija.

Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sindku issekondata mill-Kunsilliera Noyah Spiteri, il-minuti ġew unanimament approvati wara votazzjoni.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

## 2. Pagamenti – Ġunju 2016

*Pagamenti – Ġunju 2016*

**2.1** Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ġunju, 2016.

Il-Viċi Sindku is-Sur Ivan Agius għamel dawn ir-rimarki:

i. Kont nru 2016-395 għandha ssir spezzjoni fuq il-post ta' Misraħ il-Familja u niċċekkjaw l-installazzjoni tal-elettriku biex inkunu preċiżi x'qiegħed iħallas il-Kunsill.
ii. Il-kontijiet kollha tal-WSC fir-rigward tal-grounds Peppi Delceppo għandhom jitħallsu kollha sabiex ma nibqgħux niġu ċċarġjati l-interessi.
iii. Fuq il-kont nru 2016-426 għandu jiġi ċċekkjat il-konsum tal-ilma tal-latrina ta' Triq Dom Mintoff.
iv.

Il-Kunsill approva unanimament.

Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sindku issekondata min Noyah Spiteri, il-kontijiet ġew unanimament approvati għall-pagament.

Is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ Kunsilliera ffirmaw l-iskeda.

## 3. Mozzjonijiet

*Mozzjonijiet*

**3.1** Mozzjoni 07-2016 (VII)

*Qed nipproponi li MC Bay li kien hemm fi Triq Regatta, u li minflokha saret 'Reserved Parking' għall-banka tal-lottu, issir mill-ġdid fi Triq Santa Tereża, Bormla, quddiem Lipcens Bar. Dan qed jintalab għaliex numru ta' muturi mhux qed isibu fejn jipparkjaw u qed jispiċċaw kollha fil-Pjazza Paolino Vassallo wara l-bollards jew fuq il-bankina.*

Mozzjoni: Il-Kunsilliera Noyah Spiteri

Sekondant: Il-Viċi Sindku Ivan Agius

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni wara votazzjoni.

## 4. Korrispondenza

*Korrispondenza*

**4.1** Għaqal id-Dar (05/2341/16)

Is-Sur Roger Mamo, uffiċċjal mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta Soċjali kiteb lill-Kunsill li għandu ħsieb li jipprovdi lir-residenti programm edukattiv "Għaqal id-Dar". Hemm bżonn li tintuża s-Sala tad-Domus Sagra Famiglia u talab:-

- Titħallas il-kirja tas-sala għall-€25 għal kull sessjoni biex ikopri l-ispejjes għall-użu tal-post. Dan ifisser €25 għal 10 sessjonijiet li jkopri l-programm b'total ta' €250.
- Il-Kunsill jipprovdi l-ilma, kafe, te' ħalib u zokkor.

Fuq mozzjoni tas-Sindku Alison Zerafa Civelli, issekondata mill-kunsillier James Cauchi, il-kunsill approva li jniedi dan il-programm edukattiv u joħroġ l-ispejjeż meħtieġa.

**4.2** Fond għal proġetti kapitali (05/2339/16)

Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab lill-Kunsill jirrispondi dwar il-Fond għal proġetti Kapitali fejn kienet intbgħatet ittra fis-6 ta' Marzu,

2016. Id-Dipartiment xtaq ikun jaf:

a) Jekk il-Kunsill għadux interessat li jwettaq dan il-proġett.
b) Jekk fl-affermattiv, il-Kunsill għandu jindika jekk dan il-proġett kien mibdi jew saħansitra diġa konkluż.
c) Jekk il-proġett għadu ma nbediex, il-Kunsill għandu jindika d-data ta' meta hu l-ħsieb li jibda dan il-proġett.

Fuq mozzjoni tas-Sindku Alison Zerafa Civelli, issekondata mill-Kunsillier Alfred Attard approva li jirrispondi fl-affermattiv u li jibda l-proġett appena jirċievi l-fondi ta' €55,000.

**4.3** Ħaddiema tal-Komunita' (05/2334/16)

Il-Fondazzjoni tal-Ħaddiema tal-Komunita' bgħatet il-ftehim biex jiġi ffirmat mill-Kunsill u l-Fondazzjoni.

Il-Kunsill osserva l-kuntratt fejn prinċipalment jinvolvi l-Kunsill l-obbligu li jipprovdi *equipment* tal-*Health & Safety* u jħallas *performance bonus* lill-ħaddiema li se jkunu mħallsin paga mill-Fondazzjoni.

Il-Kunsill unanimament approva li jiffirma l-kuntratt.

**4.4** Ċirkulari Nru 6/2016 (05/2292/16)

Fuq talba tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, is-Sindku qrat iċ-Ċirkulari nru 6/2016, bis-suġġett – Obbligi u Dmirijiet tas-Segretarji Eżekuttivi.

**4.5** Grupp Vololntarju 'Il-Kappella ta' Taħt l-Art f'Bormla' (05/2207/16)

Is-Sur David Caruana f'isem il-Grupp Volontarju 'Il-Kappella ta' Taħt l-Art f'Bormla' kiteb lill-Kunsill fejn wera l-fehma tiegħu x'għandu jsir minn din il-Kappella.

Il-Kunsill iddiskuta l-proposti u unanimament ikkonkluda li:

L-ewwel pass għadnu jkun li jitwettaq rapport urġenti u dettaljat minn persuna professjonali mqabbda u ffinanzjata mill-Gvern Ċentrali li telenka x-xogħolijiet ta' manutenzjoni u tisbieħ taħt sorveljanza.

It-tieni pass hu li l-Kunsill jitlob formalment lill-Gvern Ċentrali biex is-Sit tal-Kappella ta' taħt l-Art jiġi devolut.

It-tielet pass għandu jkun li l-Kunsill jiddeċiedi jekk jinkarigax xi għaqda biex jilqa' fiha viżitaturi jew iniedi funzjonijiet oħra.

**4.6** Kappella San Ġwann t'Għuxa (105/2128/16)

Is-Sur Keith Cauchi għan-nom tal-partitarji tal-Polverista talab xi tibdil fis-sistema tad-dawl biex il-kont tal-konsum ikun irħas. Il-Kunsill eżamina l-kont tal-konsum tad-dawl u nstab li hu minimu. Il-Kunsill unanimament approva li jitlob lill-MTI isewwi l-bejt tal-Kappella u għal dan il-għan jitlob lura ċ-ċavetta tal-Kappella li fil-mument hija fil-kustodja tal-partitarji tal-polverista.

Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta tagħhom li jibdel is-sistema tad-dawl.

**4.7** Kunċert b'risq il-Marigold Foundation (05/2183/16)

Is-Sur Matthew Tonna Gilford għan-nom taċ-Ċentru 19 ta' novembru 1944 talab *sponsorship* biex ikun jista jorganizza attivita' b'risq il-Marigold Foundation.

Il-Kunsill unanimament m'approvax it-talba għax il-liġi ma tippermettix li l-Kunsill jagħti donazzjonijiet.

**4.8** Preżentazzjoni ta' skultura (05/2121/16)

L-Artist Philippe Agius imwieled Bormla jixtieq li jagħti rikordju tiegħu lil xi għaqda jew organizazzjoni Bormliża ta' skultura li huwa stess għamel li tirrapreżenta lilu nnifsu.

Il-Kunsill kollu bl-eċċezzjoni tal-Kunsillier Alfred Attard approva li jaċċetta l-offerta tal-Artist Philippe Agius u titpoġġa fl-uffiċċini tal-Kunsill.

**4.9** Latrina Pubblika fi Ġnien Santa Margerita

Il-Kunsill approva unanimament li jiffirma l-kuntratt moqri mis-Sindku dwar permess lis-Sur Joseph Ellul sabiex jieħu ħsieb il-latrina pubblika fi Ġnien Santa Margerita.

**4.10** Talba għal tabelli direzzjonali f'Dock 1 (05/208/16)

Wara li l-Kunsill ma kienx aċċetta t-talba tas-Sur Mario Farrugia tal-Fondazzjoni Wirt Artna, is-Sur Farrugia talab li jiltaqa mal-Kunsill bil-għan li l-Kunsill jikkunsidra t-talba tiegħu.

Il-Kunsill unanimament approva li ninfurmaw lis-Sur Farrugia li l-Kunsill diġa ħa deċiżjoni li hija finali skont il-liġi u ma tistax tinbidel.

**4.11** Tiswijiet quddiem nru 9 fit-taraġ ta' Triq San Rokku (05/2042/16)

Is-Sindku qrat email ta' Melaine Schembri fejn ilmentat minn ħsarat li qed issofri fil-propjeta tagħha.

Il-Kunsill unanimament approva li jibgħat l-email tas-Sinjura Schembri lill-Perit tal-Kunsill u jagħtina rapport bir-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

**4.12** Reunion għall-Bomliżi (14/07/2016)

Is-Sindku ddikkjarat konflitt t'interess u ħarġet barra mis-sala filwaqt li l-Viċi Sindku ppreseda l-laqgħa.

Is-Sur Emanuel Schembri talab permess u *no objection permit* biex jagħmel *reunion* li xi residenti Bormliżi.

Il-Kunsill unanimament ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din l-attivita

sakemm ikollu l-permessi neċessarji kollha.

Is-Sindku daħlet biex tkompli tmexxi l-laqgħa.

**4.13** Permess għall-*Vending Machine* (13/07/2016)

Is-Sur Adrian Burnell talab permess biex ipoġġi vending machine fid-Dock 1. Il-Kunsill unanimament approva li nitolbuh aktar informazzjoni biex il-Kunsill ikun jistgħa jiddeċiedi.

**4.14** Ċelebrazzjoni – Dom Mintoff (05/2361/16)

Is-Sur Ivan Greh Mitoff talab permess lill-Kunsill sabiex bħas-sena l-oħra jagħmel attivita' f'Ġieħ Dom Mintoff fl-għeluq tal-Mitt Sena mit-twelid tiegħu.

Il-Kunsill unanimament approva din l-attivita'.

**4.15** Attendenza tal-Kunsilliera

Is-Sindku qrat l-ittri tal-Kunsilliera assenti u l-Kunsill unanimament approva l-assenza tagħhom bħala skużabbli u ġustifikata.

## 5. Aġġornament

*Aġġornament*

**5.1** Fid-9.00pm il-laqgħa ġiet dikjarata magħaluqa wara li l-agenda ġiet eżawrita u aġġornata għall-4 t'Awwissu, 2016 fis-6.30pm.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| --- | --- |
| ***Alison Zerafa Civelli*** | ***Joseph Caruana*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 04-08-2016